**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Lulju, 2020

Rikors Numru: 7/2009 AL

**A B C**

**vs**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] li ġie pprezentat mill-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Illi nhar it-30 ta' Settembru 1984, l-esponenti żżewġet lil intimat D C.* ***(Dok MRP 1)***

[1] Fol. 1-7.

2. *Illi minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, li llum huma t-tnejn maġġorenni.*

3. *Illi l-intimat irrenda ruħu ħati ta' adulterju versu martu rikorrenti, kif ukoll irrenda ruħu ħati ta' eċċessi, moħqrija, inġurji gravi u theddid versu martu rikorrenti, u kontra uliedu.*

4. *Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment b'mod li l-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli.*

5. *Illi l-attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet mogħti nhar is-17 ta' Novembru 2008* ***(Dok MRP 2)****.*

6. *Illi matul iż-żwieġ inqalgħu diversi problemi u dan minħabba l-attitudni irresponsabbli u anke vjolenti, tiegħu lejn martu u uliedu, tant illi sa llum għad hemm proċeduri kriminali pendenti kontra tiegħu.*

*Talbet li l-konvenut jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi C, għal raġunijiet imputabbli lill-intimat.*

2. *Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti.*

3. *Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti f'żewg partijiet mhux neċessarjament ugwali b'tali mod li l-intimat jitlef kull jedd li għandu fuq nofs l-akkwisti li saru bil-ħidma tar-rikorrenti.*

4. *Tapplika kontra l-intimat l-effetti ta' l-Artikolu 48 et seq, tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *Tordna lil intimat, iħallas lir-rikkorenti nofs l-ammont ta' spejjes li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali, u spejjez oħra relatati mal-*

*komunjoni ta' l-akkwisti, minn meta nbdew l-ewwel proċeduri għal separazzjoni bonarja u cioe l-21 ta' Novembru 2007, (Atti tal-Medjazzjoni 1224/07 EC) sad-data tas-sentenza.*

6. *Tordna li ir-rikorrenti tirreverti ghal kunjhom xbubitha u cioe' Camilleri.*

7. *Tawtorizza lir-rikorrenti tipproduċi lil persuni li huma marbuta bis-sigriet professjonali, hawn taħt elenkati bħala xhieda, sabiex jiġu eżenti mis-sigriet professjonali sabiex ikunu jistgħu jixhdu fil-kawża odjerna u dan taħt kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat, mill-lum inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta ġuramentata[2] tal-konvenut D C li permezz taghha eċċepixxa:

a. *Illi hu minnu li l-esponent iżżewweġ lill-attriċi rikorrenta it-30 ta' Settembru 1984 fejn minn dan iż-żwieġ għandom żewġ itfal li llum huma maġġorenni.*

b. *Illi mhu minn xejn dak allegat mir-rikorrenti li l-esponent hu ħati tat-tortijiet indikati fir-rikors promoturju. Illi puttost hu kontra tant li dawn ser jiġu ppruvati, speċjalment il-fatt li l-istess rikorrenti ilha timxi sistematikament biex toskura l-esponent b'mod intenzjonat liema intenzjoni malinja hi issa, kristalizzata f'dawn il-proċeduri u proċeduri oħrajn, liema ħaġa ser tiġi ppruvata fil-mori tal-kaz. Illi qiegħed jidher b'mod ċar li dawn il-proċeduri qegħdin iservu bħala paraventu għat-tortijiet tal-istess rikorrenta li b'ċerta animus qegħda tipprova titfa l-ħtija tagħha fuq l-esponent, biex fost affarijiet oħra qegħda tagħmel kif ser takkwista, liema ħaġa ser tiġi ppruvata fil-mori tal-kaz.*

c. *Illi di piu`, jekk iż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment dan hu tort tal-istess rikorrenta principament, imma mhux*

[2] Fol. 27-29.

*esklussivament, minħabba l-attitudni tagħha xejn pjacevoli fejn, fost affarijiet oħra tħobb tipprovoka kontinwament kif ukoll l-istess rikorrenta jidhrilha b'mod erronju li ħadd ma jista` għaliha u tippretendi wkoll li l-affarijiet għandhom jimxu biss bl-approvazzjoni tagħha. Illi fin-nuqqas ir-rikorrenta tagħmillek ħajtek infern, liema kaz odjern qed iservi ta' mera ta' dan.*

d. *Illi di piu`, l-attitudni skifuza u ntollerabbli tar-rikorrenta hi ferm riflessa mit-talbiet tal-istess rikorrenta fejn qegħda tipprova timponi kundizzjonijiet li huma l-boghod ferm mill-applikazzjoni tal-principji ċivili liema ħaġa tiġġustifika l-posizzjoni tal-istess esponent.*

e. *Illi l-problema tal-attitudini xejn pjacevoli tal-intimata rikorrenta tant saret imposibbli li b'mod inġust, l-esponent qiegħed isofri konsiderevolment tant li r-rikorrenta qegħda timmanipolha wlied il-partijiet għal skopijiet tagħha u bħala konsegwenza qegħda tipprova l-posizzjoni tagħha 'vittma' meta fir-realta s-sitwazzjoni hi kontra.*

f. *Illi filwaqt li l-esponent jiċħad kategorikament l-akkuzi fjakki fil-konfront tiegħu s-sitwazzjoni hi ferm kontra fil-konfront tar-rikorrenta liema ħaġa tispjega l-għaliex hi tant ħerqana li tissepara mill-iktar fis possibbli liema ħaġa se tiġi pruvata fil-mori tal-kaz.*

g. *Illi n-nuqqas ta' sinċerita f'dawn il-proceduri da parti tal-intimata rikorrenta anki testendi għal fatt li qed tipprova tizvija l-qorti liema ħaġa se tiġi ppruvata iktar u iktar meta l-istess rikorrenta tgħix ħajja xellarata kif ukoll biex bl-ebda mod l-esponent ma jkollu l-opportunita jidħol id-dar matrimonjali biex b'hekk l-intimata rikorrenta tkun libera b'mod assolut.*

h. *Illi f'dan ir-rigward, imma mhux esklussivament, it-talbiet li jiffavorixxu r-rikorrenta għandhom jiġu miċħudin u skartati stante li huma ntizi mputabbli lir-rikorrenta li hi, wara kollox għandha ggorr fis-sħiħ it-tort tal-ħtija tagħha.*

i. *Salv risposta ulterjuri/eċċezzjonijiet oħra.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut[3] li permezz taghha ippremetta:

*Peress illi l-partijiet kienu żżewġu fit-30 ta' Settembru 1984 fejn minn dan iż-żwieġ għandhom żewġt itfal bniet li llum huma maġġorenni.*

*Peress illi l-attriċi rrendiet ruħha ħatja ta' tortijiet serji liema tortijjiet jinkludu adulterju, minaċċi, moħqrija, nġurji gravi, eċċessi, theddid u swat, tant li ż-żwieġ bejn il-partijiet sar impossibli.*

*Peress illi fost affarijiet oħra l-intimata rikorrenta hi ħatja ta' adulterju, minacci, moħqrija, nġurji gravi, eċċessi, theddid u swat, tant li ż-żwieġ bejn il-partijiet sar impossibli.*

*Peress illi fost affarijiet oħra l-intimata rikorrenta hi ħatja ta' adulterju liema ħaġa tisġpjega waħda mir-raġunijiet prinċipali l-għala r-rikorrenta qed tippersegwita kontinwament l-esponent fejn minhabba din l-attitudni kapriċċuza tagħha rnexxielha toħloq straġi b'ħajja ntollerrabbli.*

*Talab li l-attriċi tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

*a. Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet għal raġunijiet imputabbli lill-intimata rikorrenta.*

*b. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.*

*c. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg partijiet mhux neċessarjament ugwali b'tali mod li l-intimata titlef, ukoll bħala konsegwenza kull jedd li għandha fuq in-nofs l-akkwisti li saru waqt iż-żwieġ imma partikolarment bil-ħidma tal-esponent.*

*d. Tapplika fis-sħiħ kontra r-rikorrenta l-effetti tal-artikolu 48 et seq t al-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*e. Tordna lir-rikorrenta tħallas l-ispejjeż li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali -mill-inqas nofs – u spejjeż oħra relatati mal-komunjoni tal-akkwisti speċjalment minn meta bdew il-proċeduri anke mill-bidu u ċioe mill-medjazzjoni.*

[3] Fol. 29-30.

f. *Illi stante li r-rikorrenta hi kapaċi taħdem tordna li tħallas manteniment għall-esponent u tikkundanna wkoll lir-rikorrenta tħallas dak il-manteniment li dina l-Qorti tagħzel li takkorda f'dan ir-rigward.*

g. *Tikkundanna r-rikorrenta tikkonsenja lill-esponent il-beni kollha parafernali tal-esponent u separatament l-esponent jiġi mogħti l-piena amministrazzjoni tal-beni tiegħu. Illi fin-nuqqas tikkundannaha tħallas somma li tiġi likwidata rapprezentanti l-istess proprjeta` parafernali.*

h. *Tiddikjara li l-proprjeta` kollha, partikolarment, imma mhux esklussivament id-dar matrimonjali tigi assenjata u b'hekk okkupata mill-esponent ad eskluzzjoni tar-rikorrenta iktar u iktar minħabba t-tortijiet imputabbli lir-rikorrenta.*

i. *Tawtorizza lill-esponent jirreġistra l-eventwali sentenza definittiva fir-registru pubbliku.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata rikorrenta li minn issa hija nġuta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta ġuramentata[4] tal-attriċi għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, li permezz tagħha eccepiet:

1. *Illi t-talbiet kollha tal-intimat rikonvenzjonant, kif dedotti fil-kontro-talba tiegħu huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, kif ser jirrizulta waqt is-smiegħ tal-provi, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tieghu.*

2. *Salv risposti u eċċezzjonijiet ulteruri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

---

[4] Fol. 32.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji Dr Barbara O'Brien, Dr Anna Mallia, Dr Greta Mifsud Agius, u Dr Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat li l-partijiet ma pprezentawx noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita' tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B C bħala r-"rikorrenti" u/jew l-"attriċi" u għal D C bħala l-"intimat" u/jew il-"konvenut", u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment, għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, unikament imputabbli lill-konvenut. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Issir referenza għar-rikors promotur u n-nota ġuramentata li permezz tagħhom l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli lilu fosthom adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u inġurji gravi;

2. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan billi tieħu rendikont ukoll tal-ispejjez li saru fid-dar matrimonjali u spejjez oħra relatati, mid-data li nbdiet il-medjazzjoni bejn il-partijiet, ċjoe' nhar il-21 ta' Novembru 2007 sad-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat;

4. Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha.

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u għan-nota ġuramentata tiegħu, illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonat jitlob lill-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attriċi minħabba ħtijiet imputabbli lilha fosthom adulterju, eċċessi, moħqrija, minaċċi, theddid, swat u ingurji gravi;

2. Tapplika kontra l-attriċi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan billi tieħu rendikont ukoll tal-ispejjez li saru fid-dar matrimonjali u spejjez oħra relatati, mid-data li nbdiet il-medjazzjoni bejn il-partijiet, ċjoe' nhar il-21 ta' Novembru 2007 sad-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat;

4. Tordna lir-rikorrenti tħallas manteniment lill-intimat;

5. Tordna lill-attriċi sabiex tikkonsenja lil konvenut il-beni kollha parafernali u jiġi mogħti l-piena amministrazzjoni tal-istess;

6. Tassenja l-proprjeta' kollha lill-konvenut sabiex b'hekk ikollu d-dritt jgħammar fihom *ad* eskluzjoni tal-attriċi.

Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li għalkemm hemm qbil bejn il-partijiet sabiex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali, hemm disgwid kbir

bejniethom fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija tal-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

### *2.1. <u>Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut:</u>*

L-attriċi tispjega illi zzewġet lil D C nhar it-30 ta' Settembru 1984 u l-inkwiet ta' bejniethom beda ftit taz-zmien wara tali ċelebrazzjoni. L-attriċi tgħid illi t-tieġ ħallsitu kollu hi u dan għaliex il-konvenut qatt ma ried li jsir tieġ stante li skontu dan isir għan-nies. Sussegwentament u ċjoe' fis-sena 1985, l-attriċi ħarġet tqila bl-ewwel wild.

Waqt l-ewwel tqala tagħha, l-attriċi tirrakonta episodju fejn l-attur kien vjolenti magħha. Tgħid illi waqt li kella xahrejn tqala, l-attriċi marret għand il-ġenituri tagħha għaliex missierha kellu għeluq snienu. Minkejja li l-ġenituri tal-attriċi kienu stiednu lil partijiet sabiex jieklu magħhom f'din l-okkazzjoni, l-attriċi tallega li l-konvenut kien irrifjuta li jattendi magħha minħabba xi xogħol. Għaldaqstant, l-attriċi baqgħat għand l-ġenituri tagħha, filwaqt li zewġha mar ilesti biċċa xogħol. L-attriċi tispjega li kienet marret lura d-dar għal ħabta tad-9.30 ta' filgħaxija u x'ħin daħlet lura d-dar, l-attriċi tallega illi l-konvenut *"beda jgħajjat u jkellimni ħazin, taghni daqqa u habbatni mal-cupboard"*. L-attriċi tgħid li għal dan l-episodju kienu hemm missierha prezenti, li kien wassalha lura d-dar, izda x'ħin missier l-attriċi pprova jkellem lil konvenut bil-kelma t-tajba, allegatament il-konvenut *"qallu biex ma jindahalx u jitlaq il-barra"*. Missier l-attriċi ma telaqx mid-dar ta' bintu u b'hekk safa' sabiex qala' daqqa ta' ponn minn għand il-konvenut.

Magħdud ma' dan, l-attriċi tispjega ukoll illi l-konvenut pprova joqtolha iktar minn darba. Darba pprova joqtolha billi saq il-karozza u tefaha għal ġol-ħajt fuq in-naħa tagħha u darb'oħra ħalla l-gas tal-forn mixgħul apposta. Fil-fatt l-attriċi tispjega li l-konvenut kien jgħidilha *"hu mill-habs johrog imma jien minn that sitt piedi trab ma nohrogx"*.

Din il-vjolenza ma kienetx isseħħ biss versu l-attriċi izda ukoll versu uliedhom, E u F li twieldu fl-10 ta' April 1986 u fid-9 ta' Jannar 1988, rispettivament. L-attriċi tgħid l-inkwiet dejjem beda billi l-konvenut kien jisħaq li ma huwiex il-missier naturali ta' dawn iz-zewġ ulied. Tispjega numru ta' inċidenti fejn il-konvenut kien vjolenti u aggressiv ma' uliedu, b'mod partikolari meta: (i) beda jgħajjar lil E injoranta u jagħtiha daqqiet ta' ħarta ġo rasha meta kien għad biss kellha erba' (4) snin u dan stante li ma kienetx taf tpenġi xi annimali, (ii) jisforza lil E tixrob il-ħalib qabel ma' tmur l-iskola u sforz il-biza' tagħha minn missierha kienet tneħħiħ mill-istonku, u jekk ma tixrobx il-ħalib kollu kien ibellahulha jew jaħsilha bih, (iii) jagħti kastigi lil F, u dan anke' billi jsawwatha jew jaqfilha ġo vettura għal numru ta' sigħat, (iv) kien kisser mnieħer lil Annrita wara daqqa ta' ras, u (v) lil F kien hemm istanzi fejn raqqadha barra. L-attriċi tispjega ukoll li għalkemm il-konvenut kien vjolenti u aggressiv ma' E, l-aġir tiegħu kien jispikka bil-bosta aktar fir-rigward ta' F. Wara l-inċident fejn il-konvenut kisser l-imnieħer ta' F, il-konvenut kien qal lil Pulizija li F ma kienetx bintu u qatt ma kienet. Il-Pulizija pproċediet b'kawza quddiem il-Qorti fejn bagħtet lil minuri tlett (3) xhur f'Dar Għabex li taqa' taħt l-Aġenzija Appoġġ. L-attriċi tiddikjara illi l-konvenut għal F *"minn dejjem ma kienx jahmilha"* u kien proprju wara dan l-inċident li l-attriċi ħadet dan il-pass li tibda s-separazzjoni minn ma' zewġha.

Magħdud ma' dan, l-attriċi tgħid illi fis-sena 1992, il-konvenut ġie akkuzat talli seraq minn fejn kien jaħdem, tant li ġie mkeċċi minn fuq il-post tax-xogħol. Għaldaqstant, l-attriċi kellha toħroġ taħdem, u ħalliet lil minuri ma' missierhom. Madanakollu, l-konvenut kien ġieli jagħmel xi xogħol bħal *taxi driver* u/jew jagħmel xi *business.* Sussegwentament bejn l-2003 u 2005 il-konvenut kien iddeċieda li jaqħdem fuq ir-riggijiet taz-zejt. L-attriċi tgħid li F ukoll ħarġet taħdem ta' ħdax-il (11) sena u dan stante li l-konvenut ma kienx jagħti flus bizzejjed lill-attriċi.

L-attriċi tkompli billi tgħid li matul iz-zwieġ il-konvenut kien jagħmel ħafna affarijiet minn wara daharha, u apparti li ma kienx jagħtiha flus għat-trobbija ta' uliedhom, hu kien jakkuzaha, jinfamaha, jheddidha u jagħtiha titoli oxxeni quddiem kulħadd. Barra minn hekk, wara ftit zmien mizzewġa, l-attriċi tgħid illi l-konvenut kien jheddida dwar ir-rapporti sesswali li kellu jkollhom bejniethom, tant li kien heddida illi *"jekk ma naqdiehx kien hemm*

*wiehed ix-Shipbuilding mignun fuqu"*. Għall-bidu l-attriċi ma kienetx tifhem x'ried jgħid il-konvenut, izda tgħid li maz-zmien immaturat u bdiet tifhem li l-konvenut kellu ġibda lejn irġiel oħra. L-attriċi tispjega illi matul ir-rapporti sesswali li kien ikollhom flimkien, dawn kienu jkunu sfurzati u ta' natura vjolenti. Konsegwentament, l-attriċi skopriet illi l-konvenut kellu relazzjoni ma' raġel ieħor, fejn kien iqatta' ħinu miegħu waqt li hu suppost kien ikun qiegħed jieħu ħsieb lil uliedu filwaqt li l-attriċi kienet tkun ix-xogħol. Fil-fatt f'jum il-missier tas-sena 2005, wara li l-attriċi rritornat lura d-dar mix-xogħol, sabet ittra fuq l-imħadda tagħha fejn l-konvenut ammetta li hu omosesswali u li jiddispjaċih li daħaq biha matul dawn is-snin kollha. L-attriċi kompliet tikkonferma dan ma' ex-kollegi tal-konvenut u ħbieb tagħha stess.

Ġie spjegat illi l-attriċi għamlet numru ta' operazzjonijiet u llum-il ġurnata tinsab fuq għajnuna medika u dan wara li ġiet ċertifikata li ma tistgħax taħdem minn tobba maħtura mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Għalkemm l-attriċi ppruvat tgħin lil zewġha, dan xorta waħda rrifjuta kull għajnuna. Wara li beda jaħdem fuq ir-rig taz-zejt, l-attriċi tgħid li l-konvenut sar iktar vjolenti, tant li kien jiġi lura d-dar jiftaħar kemm kien iġġieled waqt li kien xogħol.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali, l-attriċi tgħid illi kienu xtraw biċċa art fl-1990, fejn kellu jinbena appartament għal partijiet bħala d-dar matrimonjali tagħhom, appartament ieħor u garaxx, liema nbnew kollha mil-konvenut filwaqt li hi kienet għenitu. Il-partijiet kienu daħlu jgħixu fid-dar matrimonjali mibnija minnhom fl-1996. Tgħid illi ffrankaw ħafna flus u b'hekk ibbenefikat il-familja kollha.

Fir-rigward ta' flus, l-attriċi tispjega illi mill-1999 hi dejjem kienet tinsab bla flus, izda kull bzonn tad-dar kellha tagħmel tajjeb għalih hi. Il-konvenut ma kienx jgħin fil-flus għal familja u qatt ma ħallas kont tad-dawl, ilma, gas jew telefon. Barra minn hekk, l-attriċi tgħid ukoll li l-flus u d-deheb li kellhom bejniethom ħadhom kollha l-konvenut u konsegwentament kien mar jirrapporta mal-Pulizija li l-imsemijja flus u deheb ġew misruqa. L-attriċi tgħid li hi ukoll għamlet rapport lill-Pulizija izda li l-flus in kwistjoni ħadhom il-konvenut. Fil-prezent, il-Pulizija mexxiet kontra l-konvenut permezz ta'

zewġ kawzi kriminali u dawn għal ksur ta' mnieħer F u attentat ta' qtil tal-attriċi.

Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi pproduċiet ix-xiehda ta' bintha E C,[5] bintha F Camilleri,[6] missierha G Camilleri,[7] ommha H Camilleri,[8] il-ġar G I,[9] ir-raġel ta' F Camilleri, G Camilleri,[10] u oħtha n-Nutar Elizabeth Sciriha.[11]

### *2.2. Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi*

Il-konvenut jispjega li l-partijiet għamlu sitt (6) snin għerusija, fejn ir-relazzjoni tagħhom kienet normali u wara zzewġu fl-1984. Maz-zwieġ il-partijiet marru joqgħodu f'*Nashville, Treq Wied il-Għajn, Zabbar*, liema dar kienet parafernali tal-konvenut. Fl-2006 saru akkuzi mill-attriċi fil-konfront tal-konvenut illi uza sikkina m'għonqha u kkaġunalha ferita. Il-Pulizija mexxew kontra l-konvenut, fejn ġie misjub ħati mill-Qorti Kriminali.

Il-konvenut jispjega li matul iz-zmien li l-attriċi kienet taħdem fil-lukanda Cerviola, din *"qabdet ma' Ingliz J K li kien jigi Malta erba jew hames darbiet, xtralha karozza"*. Madanakollu, min-naħa l-oħra l-konvenut jgħid li J K kien talab lil konvenut il-kunsens sabiex joħroġ mal-attriċi u joħodha *weekend breaks*, izda l-konvenut jgħid li oġġezzjona għal dan kollu. Il-konvenut jispjega li J K kien joqgħod f'din il-lukanda meta kien ikun Malta u dak iz-zmien kellu 85 sena. Il-konvenut kien ukoll qatta' madwar ħames (5) ġimgħat id-dar tiegħu l-Ingilterra fejn kien jagħmel xi xogħol ta' manutenzjoni għand it-tifel tal-istess J K.

Il-konvenut jinnega li qatt refa' idejh fuq martu jew li ma kienx jagħtiha flus għal ħajja. Il-konvenut jikkontendi li l-flus mill-paga tiegħu kien jagħmilhom fil-kexxun u l-attriċi kellha l-fakolta' li tieħu flus kemm trid. Jispjega li fuq ir-riggijiet taz-zejt dam jaħdem sas-sena 2006 u fil-prezent jirreġistra u jibbenefika mis-servizzi soċjali.

---

[5] Fol. 39-41.
[6] Fol. 42-44.
[7] Fol. 45-47.
[8] Fol. 48-49.
[9] Fol. 84-87.
[10] Fol. 107-109.
[11] Fol. 110-112.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali, il-konvenut jispjega illi l-partijiet kienu xtraw biċċa art fl-1990 u ċjoe' matul iz-zwieġ, fejn inbnew zewġ (2) appartamenti u garaxx li nbew kollha kemm huma mill-konvenut stess. Barra minn hekk, il-konvenut jispjega li fid-dar u fil-garaxx kellhom is-somma ta' €40,000, liema ġiet akkumulata minn ishma tal-BOV msarfa u mill-introjtu tal-konvenut. B'din is-somma kienu jafu biha biss il-partijiet. Skont il-konvenut, din is-somma ittiehdet mill-attriċi f'Novembru tas-sena 2005 wara li dan avzatu li riedet il-flus in kwistjoni. Wara li kien ġie lura mix-xogħol minn barra minn Malta, il-konvenut ma sabx il-flus u mar jagħmel rapport l-għassa tal-Pulizija. Il-konvenut jgħid li minn sorsi privati sar jaf li l-attriċi ħadet il-flus sabiex issellifhom lil binthom F sabiex tixtri fond ġewwa Ħaz-Zabbar.

### *2.3. <u>Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

#### *2.3.1. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid u Offizi Gravi</u>*

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson,**[12] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod

[12] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[13] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[14] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[15] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[16] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[17]; *Skond l-istess Qorti* "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[18]

---

[13] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[14] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[15] **Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[16] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[17] **Genoveffa Magri vs. G Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[18] **Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

### 2.3.2. Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra"*.[19] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[20].

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. D Scicluna**[21] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

### 2.3.3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-partijiet jipproduċu zewġ verzjonijiet differenti għaliex iz-zwieġ tagħhom tkisser b'mod irrimedjabbli. L-attriċi tikkontendi illi z-zwieġ tal-partijiet falla minħabba adulterju, theddid, vjolenza u nuqqas ta' kontribuzzjoni finanzjarja lejn il-familja da parti l-konvenut. Min-naħa l-oħra l-konvenut jgħid illi z-zwieġ falla proprju minħabba adulterju da parti l-attriċi u kif ukoll l-attitudni u l-provokazzjoni tagħha, liema aġir irrendilu ħajtu infern.

---

[19] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[20] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).

[21] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

Il-Qorti tibda sabiex tinnota illi rigward l-allegati relazzjonijiet adulteri taz-zewġ partijiet ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

Min-naħa waħda l-konvenut jispjega li martu kellha relazzjoni ma' ċertu J K, raġel ta' nazzjonalita' Ingliza li kull darba li jiġi Malta kien jalloġġja ruħu fil-lukanda li fiha l-attriċi għmalet xi snin taħdem. Jispjega li din il-ħbiberija ma' J K bdiet mis-sena 1995, u kien talab il-kunsens tal-konvenut sabiex joħroġ mal-attriċi, liema kunsens qatt ma ingħata mill-konvenut. Madanakollu, hekk kif jallega l-konvenut, J K xorta waħda kellu kunfidenzi mall-attriċi u kien jibgħatilha numru ta' ittri. Il-Qorti tinnota li dawn l-allegazzjonijiet ma ġewx minimament ippruvati, tant li l-konvenut ikkonferma li *"meta kont Malta jien ma kinitx tmur (miegħu) izda meta kont inkun il-Libja ma nafx x'kienet tagħmel"*. Għaldaqstant dan ikompli jikkonferma li r-relazzjoni bejn l-attriċi u J K ma hijiex ppruvata u miċħuda b'mod kategoriku mill-attriċi. Il-Qorti tevalwa li ma hemm l-ebda prova dwar l-allegata relazzjoni, dwar l-ittri li kien jibgħatilha, dwar l-karozza li xtralha, jew dwar l-allegazzjoni li J K ried *"ipartat il-mara tieghi mat-tifla tieghu"*. Għaldaqstant il-Qorti ma tistgħax tkun konvinta li l-attriċi kellha relazzjoni extra-maritali li minħabba tali z-zwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli.

Il-Qorti lanqas ma tista' tkun konvinta li z-zwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser minħabba relazzjoni adultera li seta' kellu l-konvenut. L-attriċi allegat illi zewġha għandu relazzjoni ma' raġel ieħor, li l-identita' tiegħu ma ġietx magħrufa lill-Qorti. Għalkemm mill-atti proċesswali jissemma' ċertu raġel bl-isem ta' L, ma ġiex ikkonfermat jekk dan kienx l-istess individwu li allegatament miegħu għandu relazzjoni l-konvenut. L-unika prova li tipprovdi l-attriċi fir-rigward ta' dan, hi l-ittra li sabet fuq l-imħadda tagħha nhar Jum il-Missier tas-sena 2005.[22] Il-Qorti tinnota li minkejja li din l-ittra ma hijiex iffirmata mill-konvenut, ma għandha l-ebda dubju li kien il-konvenut li kiteb l-istess ittra bl-intiza li jagħtiha lil martu sabiex jirrileva b'mod ċar u dirett li huwa omosesswali. Din il-konkluzjoni da parti l-Qorti hija bbazata mis-segwenti raġunijiet. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota li din l-ittra hi indirizzata lil *"x-mara"*, fejn l-awtur tal-ittra jgħid illi għalkemm għadda perjodu ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, dakinhar tal-ittra, l-attriċi

[22] Fol. 50.

kellha tkun konsapevoli li min kitibha huwa omosesswali. F'dan ir-rigward il-Qorti tikkalkula illi l-awtur tal-ittra u r-reċipjent tal-istess ilhom jafu lil xulxin sa mis-sena 1978 u fil-fatt mill-atti proċesswali jirrizulta illi l-partijiet ilhom jafu lil xulxin sa minn tali sena, tant li wara sitt (6) snin għerusija zzewġu fl-1984.[23] Fit-tieni lok, l-awtur tal-ittra jiddikjara *"skuzani jekk forsi dhaqt bik… u jien mhux sewwa inkompli nahbi minnek ghax bhalma jghidu z-zejt jitla' f'wicc l-ilma"*. Magħdud ma' dan, l-awtur ikompli billi jgħid *"forsi l-boyfriend ghalhekk talabni l-permess ghax mal-ewwel induna li jien"*. Dan il-kliem ikompli jikkombaċa u jikkonferma dak dikjarat mill-attriċi fejn irrilevat li zewġha kien jagħmel ħafna affarijiet minn wara daharha. Magħdud ma' dan, din l-ittra tikkonferma ukoll dak ddikjarat mill-konvenut u ċjoe' li kien hemm persuna li talbitu l-permess sabiex joħroġ ma' martu. Fit-tielet lok, il-Qorti tinnota mill-atti proċesswali li l-konvenut fl-ebda waqt ma jikkontesta jekk dik l-ittra kitibiex hu *o meno*, izda sempliċiment jgħid li hu ma jaqfx jaqra.[24] Madanakollu, il-Qorti ma temminx lil konvenut li ma jafx jaqra u dan meta hu stess kiteb fuq wieħed mid-dokument esebiti fl-atti ta' din il-kawza fejn jgħid għal darbtejn *"dan ir-ritratt juri li* ***jien Twanny****…"*.[25] Fid-dawl ta' dawn il-punti, il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-ittra esebita mill-attriċi hi miktuba mill-konvenut u għalkemm ma tikkonstatax adulterju da parti l-konvenut, xorta waħda kkontribwixxiet ferm sabiex iz-zwieġ ta' bejn il-partijiet jinkiser darba għal dejjem.

Ikkonfermat li ma kien hemm l-ebda prova suffiċċjenti rigward l-allegati relazzjonijiet adulteri da parti l-partijiet, il-Qorti sejra tkompli tevalwa r-raġuni wara t-tkissir taz-zwieġ in kwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-allegata vjolenza, theddid u nuqqas ta' kontribuzzjoni finanzjarja da parti l-konvenut. Il-Qorti tibda sabiex tevalwa l-episodji ta' vjolenza u aggressjoni kollha imsemmija mill-attriċi u uliedha, u kif ukoll is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Jidher illi mill-isemmija Qrati ġew deċizi erba' (4) sentenzi u ċjoe':

---

[23] Ara d-dikjarazzjoni tal-konvenut li l-partijiet damu 6 snin għarajjes u kif ukoll l-Att taz-Zwieġ li jistabbilixxi li l-partijiet izzewġu fis-sena 1984. Għaldaqstant jekk mis-sena tal-ittra in kwistjoni u ċjoe' 2005 jitnaqqsu 27 sena, jirrizulta 1978. Jekk mas-sena 1978 jizdiedu s-6 snin għerusija tal-partijiet jirrizulta 1984 u ċjoe' s-sena li fiha zzewġu l-partijiet.
[24] Fol. 303.
[25] Fol. 366.

(i) **Pulizija vs D C**, bin-numru 494/2006 deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Ġudikatura Kriminali) nhar il-15 ta' Marzu 2011,[26] li in vista tan-nuqqas ta' provi u l-preskrizzjoni, il-Qorti ddeċediet billi ssib lil konvenut mhux ħati tal-akkuzi u tilliberah minnhom. Din is-sentenza ġiet appellata, u nhar it-13 ta' Ġunju 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija vs D C**, bin-numru 167/2011, iddeċediet billi "*tiddisponi mill-appell billi tichad l-appell in kwantu giet mitluba r-revoka tas-sentenza appellata fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni, tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet min-numru tnejn san-numru tnax, izda tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat lill-appellat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minflok* ***tiddikjarah hati taghha u b'mod specifiku talli fil-11 ta' Mejju 2006 f'Marsaskala, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu A B C f'periklu car, ikkagunalha offizi ta' natura hafifa***";

(ii) **Pulizija vs D C**, bin-Numru 227/2005 deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Ġudikatura Kriminali) nhar is-17 ta' Frar 2012,[27] fejn il-Qorti sabet *"lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghallperijodu ta'*

---

[26] Fejn il-konvenut ġie akkuzat bis-segwenti: *"(a) Bejn il-lejl tad-19 u 20 ta' Mejju 2006 ittenta jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' wliedu E u F C izda d-delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u talli ta diversi daqqiet ta' ponn lil martu skond ma ccertifika Dr. Ian Gauci; u b. Talli f'Mscala tul perijodu ta' sentejn qabel is-sena 2006 ghamel diversi reati fosthom: (i) Ittenta jaghmel ferita ta' natura gravi fuq martu billi heddidha bil-mewt u waqt li kienu flistess karozza, w heddidha li kien ser jikser l-isteering gol hajt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga incidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu. (ii) Hedded lil-martu bil-kliem 'nehles minnek u ntajjar il-flat b'kollox'. (iii) Hebb ghall-istes martu A B C u ghal bintu F sabiex idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara. (iv) Offenda l-pudur jew il-morali pubblika b'eghmil li sar minnu f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku. (v) Zamm u garr strument li jaqta' w iniggez (sikkina tal-hobz) minghajr licenzja talKummissarju tal-Pulizija. (vi) Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied jew b'mod iehor. (vii) M'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' lawtorita' jew ta' persuni li kienu nkarigati minn servizz pubbliku. (viii) Saq il-vettura tal-ghamla Renault b'manjera perikoluza traskurata w bla kont. (ix) Saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu; c. Talli huwa recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu"*, ara paġna 30 tas-sentenza.

[27] Fejn il-konvenut ġie akkuzat illi: *"Gewwa Marsaskala fis-17 ta' Frar 2005 ghal habta tat-20:30pm minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' bintu F C ta' 17-il sena, f' periklu car hebb ghaliha u kkagunalha griehi ta' natura gravi skond ma certifika Dr. P. Schembri MD. Medical Number 9109 c/o Casualty Dept. SLH. Bi ksur tal-art. 214 u 216(1) (a) (ii) (iii) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta"*, ara paġna 1-2 tas-sentenza.

*sentejn (2) mil-lum".* Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Frar 2013.

Il-Qorti tinsab konvinta illi l-konvenut kapaċi jkun vjolenti u aggressiv, u dan kif jixhdu proprju s-sentenzi hawn fuq imsemmija. Għaldaqstant ma jistgħax jingħad illi da parti l-konvenut kien hemm atti ta' vjolenza singolari u izolati. Għalkemm kien hemm numru ta' akkuzi li tagħhom il-konvenut ma nstabx ħati, il-Qorti pero' tevalwa li dan ma setgħax isir stante n-nuqqas ta' provi mill-pBkuzzjoni u kif ukoll abbazi tal-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Madanakollu huwa stat ta' fatt li l-konvenut huwa persuna b'demmu spont, li kapaċi jkun vjolenti fizikament jekk persuna tikkuntrarjah. Barra minn hekk, il-vjolenza domestika ma tieħux biss forma fizika, izda anke' emozzjonali u morali. Mill-atti proċesswali huwa kristallizzat illi l-attriċi kienet għaddejja minn theddid u vjolenza emozzjonali kontinwa mill-konvenut u dan stante n-natura sesswali tiegħu. Il-Qorti terġa' tissottolineja illi l-konvenut fl-ebda waqt ma nnega jew attakka l-ittra esebita mill-attriċi dwar ir-rivelazzjoni tan-natura sesswali tal-konvenut. Il-konvenut lanqas ma attakka l-kredibilita' tal-attriċi rigward l-allegazzjonijiet tagħha fil-konfront tiegħu dwar l-omosesswalita' tiegħu, ir-rapporti sesswali tagħhom, it-theddid sabiex ikollhom relazzjonijiet sesswali skont kif dettat mill-konvenut stess u t-theddid li hemm rġiel imġinen għal warajh. Għaldaqstant, il-Qorti ma għandhiex ma temminx il-verzjoni attriċi illi minkejja li l-partijiet izzewwġu fl-1984, kien proprju wara l-istess zwieġ li l-konvenut beda ftit ftit jagħti lill-attriċi x'tifhem li għandu ġibdiet sesswali lejn irġiel oħra, kif ukoll rifless fir-relazzjoni sesswali tagħhom fejn l-attriċi kienet tiġi furzata tagħmel dak li ma tridx. Għaldaqstant is-suespost jammonta għal vjolenza fizika u emozzjonali, kif ukoll theddid u moħqrija fuq il-persuna tal-attriċi. B'hekk il-Qorti ma tistgħax ma tkunx sodisfatta li l-konvenut huwa ħati ta' minaċċi, moħqrija u inġurji gravi fil-konfront ta' martu. Madanakollu l-Qorti tinnota li ma hemm l-ebda prova li l-konvenut huwa ħati ta' eċċessi u dan għaliex minkejja li l-allegazzjoni attriċi li kien hemm ċirkostanzi fejn il-konvenut poġġa ħajjet l-attriċi f'periklu, dan qatt ma ġew pruvati skont il-grad rikjest mil-liġi, tant illi l-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) u l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermaw li f'dan ir-rigward il-konvenut ma huwiex ħati għajr għal feriti ta' natura gravi.

Fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-konvenut lejn il-bzonnijiet ta' familtu, il-Qorti tinnota li wara evalwazzjoni reqqa tal-proċess ma sabet l-ebda prova li tikkorrabora l-allegazzjoni tal-attriċi. Il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'zewġ verzjonijiet kunfliġġenti, fejn l-attriċi tisħaq li qatt ma kien ikollha flus f'idejha, filwaqt li l-konvenut jgħid illi l-flus li kien jaqla' kien jgħaddihom lil martu. Għalkemm il-Qorti ma teskludix li jista' jkun minnu li l-konvenut ma kienx jikkontribwixxi finanzjarjament għal bzonnijiet ta' familtu u dan tenut kont tal-karattru vjolenti u aggressiv tiegħu, il-Qorti xorta waħda ma tinsabx f'posizzjoni li tikkonkludi favur l-attriċi meta ma pprovdietx prova inekwivoka li tikkorrabora l-verzjoni tagħha. Il-Qorti tinnota li ma nġabet l-ebda prova tal-introjtu li kellhom il-partijiet matul iz-zmien, prova dwar jekk tali introjtu kienx jidħol direttament ġo kont bankarju jew permezz ta' ċekk li kien jissarraf minnhom, *statements* bankarji u rendikont tat-transazzjonijiet sabiex il-Qorti tkun tista' tevalwa kif kienet tgħix il-familja C sakemm damu jgħixu bħala familja. Fin-nuqqas ta' dawn il-provi, tali allegazzjoni ma tistgħax tiġi meqjusa minn din il-Qorti.

Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' dak allegat mill-konvenut rigward l-attitudni u l-provokazzjoni tal-attriċi, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali ma jidher xejn li juri kif l-attriċi kellha attitudni kerha miegħu jew li kienet tipprovokah. L-unika prova li tixhed fuq l-attitudni tal-attriċi kienet is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) surreferita, deċiza nhar il-15 ta' Marzu 2011, fejn il-Qorti rribadiet illi *"Il-Qorti thoss li verament il-kwerelanti ghandha agenda mohbija 'l ghala ghaddiet lil zewgha f'dan il-kaz kriminali. Il-Qorti hija konvinta li l-imputat mhux xi bniedem kalm jew ahjar simpatiku, w dan anke mill-manjiera kif xehed, pero' thoss li l-kwerelanti AB C mhix xhud attendibbli w li rnexxielha tikkonvinci lil uliedha biex jixhdu bil-mod kif xehdu. Meta kienet fil-pedana tax-xhieda kienet wisq prepotenti w riedet tghid iktar milli fil-fatt kienet preparata li tghid, billi zzejjen diskorsha".* Madanakollu dak li saħqet dwaru l-Qorti tal-Maġistrati ma għandux bilfors japplika għal kaz li għandha quddiemha din il-Qorti għaliex kull kaz għandu l-fattispeċji singolari tiegħu u l-Qorti għandha l-obbligu li tizen dak li jkun miġjub quddiemha. Din il-Qorti ma tħossx li f'din il-kawza speċifika, l-attriċi kienet kontradittorja, inkonsistenti jew esaġerata fi kliemha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tissottolineja li l-konvenut stess ma kkontradixxiex il-verzjoni tal-attriċi bil-konsegwenza li l-verzjoni attriċi ħadet iktar saħħa u dan fin-nuqqas ta' provi li jikkontradixxu u

jizvalutaw l-imsemmija allegazzjonijiet. Għaldaqstant il-Qorti ma tistgħax issib lill-attriċi ħatja ta' minaċċi, eċċessi, moħqrija, inġurji gravi u swat, kif allegat mill-konvenut.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-konvenut kif irrappurtat f'din is-sentenza, irrenda l-ħajja komuni bejn il-partijiet insapportabbli, bil-konsegwenza li l-partijiet isseparaw *de facto* minn xulxin, fejn sussegwentament il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali nhar it-30 ta' Mejju 2006. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tiġi attribwita unikament lil konvenut. Għaldaqstant, il-Qorti ssib lil konvenut ħati ta' inġurji gravi stante l-vjolenza fizika u emozzjonali, kif ukoll theddid u moħqrija fuq il-persuna tal-attriċi, filwaqt li ma ssib l-ebda ħtija da parti l-attriċi fil-konfront tal-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut għandu jkun ħati tal-firda mid-19 ta' Ġunju 2005, liema data hija mnizzla fuq l-ittra intiza għall-attriċi mill-konvent rigward l-orjentazzjoni sesswali tiegħu fejn irrefera għall-attriċi bħala *ex martu*.

### 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi u l-Konvenut:

Il-partijiet jitolbu lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-attriċi u l-konvenut id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

"***(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***[28]

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara datastabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkunkunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' danil-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".***

L-Artikolu 51 jistipula:

***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

L-Artikolu 52 jistipula:

***"Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda."***

Fil-każ odjern, il-konvenut huwa ħati ta' inurji gravi stante vjolenza fizika, u emozzjonali, kif ukoll theddid u moħqrija fuq il-persuna tal-attriċi. Fuq talba tal-attriċi sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* iċċitati, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi u t-tbatija fizika u psikoloġika li għaddiet minnha l-attriċi, ser tgħaddi sabiex tuza d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili u tilqa' t-talba attriċi billi tapplika s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut, inkluz id-

[28]L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

dekadenza għad-dritt li jitlob il-manteniment minn għand l-attriċi. Madanakollu u fil-konfront tal-attriċi, din tal-aħħar a kuntrarju tal-konvenut, ma nstabitx ħatja għat-tifrik taz-zwieġ. Għaldaqstant il-Qorti mhux sejra tapplika fil-konfront tagħha d-dekadenzi stipulati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

**4. It-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar it-30 ta' Settembru 1984, hekk kif jixhed mill-Att taz-Zwieġ,[29] din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*4.1. <u>Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*4.2. <u>Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mil-Komunjoni tal-Akkwisti u dak li huwa Parafernali</u>*

Is-segwenti assi huma parafernali tal-partijiet:

a. Id-dar *'X, Triq XX, Zabbar'* tappartjeni lil konvenut u ma hemm l-ebda kontestazzjoni da parti l-attriċi;

b. Il-mobbli li ġew imħallsa mill-attriċi skont l-irċevuti esebiti[30] inkluz il-kċina kompluta, il-kamra tal-ikel u l-pultruna ħamra liema mobbli jinsabu fid-dar *'X, Triq XX, Zabbar'*, jappartjenu lill-attriċi u ma hemm l-ebda kontestazzjoni da parti l-konvenut;

c. Il-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni HBH-343, tappartjeni lill-attriċi li ingħatat lilha permezz ta' donazzjoni

[29] Fol. 4.
[30] Fol. 67-72.

minngħand missierha,[31] liema verzjoni mhux qiegħda tiġi kontestata mill-konvenut;

Fir-rigward ta’ dawk l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti:

a. Id-dar matrimonjali u l-garaxx, bin-numru *85A, Y, Triq il-Y, Marsascala*;

b. Il-kontjiet bankarji konġunti f’isem il-partijiet u dawk f’isimhom personali, inkluz dak il-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40011074XXX;

c. Diversi vetturi, fosthom iz-zewġ vannijiet li n-numru ta’ reġistrazzjoni tagħhom ma ġewx magħrufa lil Qorti;[32]

d. Is-somma ta’ €400 mill-bejgħ tal-vettura tal-marka Renault bin-nmru ta’ reġistrazzjoni EAB-979;[33]

e. Il-mobbli kollha elenkati mill-attriċi li jammontaw għas-somma globali ta’ €25,075,[34] uħud mil-liema mobbli skont l-attriċi jinsabu fil-pussess tal-konvenut u li dan tal-aħħar mhux qiegħed jikontradixxi l-istess;

f. Ir-rikavat mill-bejgħ tat-tieni appartament f’Ħaz-Zabbar, li dwar is-somma rikavata hemm disgwid bejn il-partijiet għaliex l-attriċi tgħid li s-somma tvarja bejn LM16,000 u LM23,000 filwaqt li l-konvenut jgħid li s-somma kienet dik ta’ LM40,000.

F’dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tenfasizza li ma hemm l-ebda prova dwar l-allegat rikavat. Il-Qorti tinnota li ma ġie pprezentat ebda kuntratt ta’ bejgħ sabiex b’hekk jiġi identifikat l-ammont in kwitsjoni. Lanqas ma ġie ippruvat li s-somma in kwistjoni kienet tinkludi ukoll parti mill-introjtu tal-konvenut. Wara evalwazzjoni taz-zewġ

[31] Fol. 188.
[32] Fol. 126.
[33] *Ibid.*
[34] Fol. 19-21.

verzjonijiet, il-Qorti rat li minkejja li l-attriċi allegat li kien sar rapport minn zewġha lil Pulizija dwar is-somma ta' €40,000 u li għandha *recording* li jivverifika li l-flus ħadhom il-konvenut, minn dawn il-provi ma ġie esebit xejn.[35] Min-naħa l-oħra, il-konvenut jikkontendi li s-somma ta' €40,000 in kwistjoni ġew minn ishma tal-Bank of Valletta u tfaddil tal-introjtu tiegħu. Jigħid ukoll illi f'Diċembru tal-2005 wara li ġie lura mil-Libja ma sabx il-flus u mar jagħmel rapport mal-Pulizija. Skont il-konvenut, dawn il-flus ġew mislufa lil binthom F sabiex tixtri post Ħaz-Zabbar.[36]

Il-Qorti tinnota li l-verzjoni tal-konvenut hija inverosimili in vista tal-fatt li ġie ppruvat li bintu F flimkien ma' zewġha Angelo Camilleri sselfu is-somma ta LM42,500 sabiex xtraw il-fond ġewwa Ħaz-Zabbar.[37] Barra minn hekk il-Qorti tinnota ukoll li minn xi *statements* bankarji esebiti mill-konvenut jidher li nhar is-26 ta' Awwissu 2003 kienet inġibdet is-somma ta' LM15,660 ekwivalenti għal €36,488.33,[38] li skont il-konvenut tali somma inġibdet mill-mara. Mill-atti ma ġiex ikkontestat li dan l-ammont in kwistjoni jifforma parti mis-somma allegata ta' LM40,000. Din il-Qorti ma għandhiex il-fakolta' li tiddikjara lil xi ħadd ħati li seraq il-flus, izda tinsab moralment konvinta li dawn jinsabu fil-pussess tal-konvenut. Jibda sabiex jingħad li l-verzjoni tal-konvenut a kuntrarju tal-attriċi hija kontradittorja u inkonsistenti għaliex xi drabi jweħħel f'bintu F u drabi oħra f'martu. Barra minn hekk il-Qorti tevalwa li fid-19 ta' Ġunju 2005 u ċjoe' ftit xhur qabel l-allegat serq ta' flus mid-dar matrimonjali, il-konvenut jien diġa' jirreferi għall-attriċi bħala *ex-mara* u għaldaqstant jagħti x'jifhem li z-zwieġ tagħhom kien ser jitkisser minn tali data. B'hekk fil-fehma tal-Qorti kieku l-attriċi riedet b'xi mod tirritalja lura għad-dikjarazzjoni tal-konvenut u dan billi tieħu l-flus tal-komunjoni tal-akkwisti, din setgħat tagħmel dan mingħajr ma tavzah.[39] Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma temminx l-verzjoni tal-konvenut u *se mai* kieku l-verzjoni tiegħu kienet vertiera dan kien

[35] Fol. 101.
[36] Fol. 311.
[37] Fol. 332-337, 435-438.
[38] Fol. 316, 322.
[39] Fol. 311.

jara u jkun fiċ-ċert li l-Pulizija tmexxi kontra l-attriċi sabiex b'hekk tinstab ħatja, izda mill-provi prodotti dan ma jidhirx li ġara.

Fir-rigward tal-allegat dejn dovut lil A B C, il-Qorti tevalwa li l-attriċi ssemmi s-somma ta' €2,809 rapprezentanti spejjez li saru minħabba D C fil-garaxx u dan għaliex waqt il-medjazzjoni kien hemm qbil bejn il-partijiet li jsir dan ix-xogħol sabiex b'hekk ir-raġel jieħu l-garaxx. Il-Qorti tevalwa li dan il-qbil allegat mill-attriċi ma ġiex ppruvat u *di piu'* il-Qorti tinnota ukoll li l-ispejjez in kwistjoni jagħtu stampa li donnu l-konvenut kellu jmur jgħix fil-garaxx. Minkejja li ma jingħadx x'kien ezattament l-allegat qbil ta' bejn il-partijiet rigward il-garaxx, il-Qorti ma tħossx li dawn l-ispejjez saru minħabba l-konvenut u dan stante li dan tal-aħħar kellu diġa' fejn imur jabita wara li telaq mid-dar matrimonjali u ċjoe' fid-dar parafernali tiegħu *Nashville, Triq Wied il-Għajn, Zabbar.* Għaldaqstant, din l-allegazzjoni fil-fehma tal-Qorti ma treġix.

## *4.3. <u>Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u Assenjazzjoni tal-Porzjonijiet:</u>*

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, waslet għal konkluzjoni li l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi diviza bejn il-partijiet u assenjata f'porzjonijiet lilhom skont is-segwenti:

Fir-rigward tal-<u>kontijiet bankarji</u>, il-Qorti tiddeċiedi illi kull parti għandha tiġi assenjata nofs l-ammont f'kull kont bankarju konġunt f'isem il-partijiet. Barra minn hekk, A B C għandha tiġi assenjata ukoll: (i) nofs l-ammont ta' kull kont bankarju f'isem wieħed mill-partijiet, liema ammont kien hekk stabbilit sal-15 ta' Ġunju 2011, (ii) kull ammont ta' dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isimha personali, liema ammont jirrizulta wara l-15 ta' Ġunju 2011 sal-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u kif ukoll (iii) nofs l-ammont ta' dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isem D C, liema ammont jirrizulta wara l-15 ta' Ġunju 2011 sal-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Min-naħa l-oħra l-konvenut għandu jiġi assenjat: (i) Nofs l-ammont ta' kull kont bankarju f'isem wieħed mill-partijiet, liema ammont kien hekk stabbilit sal-15 ta' Ġunju 2011, u (ii) nofs l-ammont ta' dawk il-kontijiet bankarji intestati f'ismu personali, liema ammont jirrizulta wara l-15 ta' Ġunju 2011 sal-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Fir-rigward tal-vetturi, il-Qorti tgħaddi sabiex tassenja kull vettura li tappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti lil konvenut salv illi jħallas lil attriċi nofs il-valur ta' kull vettura hekk kif mixtrija waqt iz-zwieġ. Barra minn hekk, l-attriċi għanda tirrifondi lura lill-konvenut is-somma ta' €200 rapprezentanti sehemu mir-rikavat tal-bejgħ tal-vettura bil-marka Renault bin-numru ta' reġistrazzjoni EAB-979.

Fir-rigward tal-immobbli u ċjoe' id-dar matrimonjali bl-indirizz ta' *85A, Y Triq il-Y, Marsascala* u l-garaxx, il-Qorti tordna li kull parti tieħu nofs sehem indiviż mir-rikavat tad-dar matrimonjali u l-garaxx in kwistjoni, b'dan illi tali d-dar u l-garaxx għandhom jitpoġġew għall-bejgħ fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' 3 *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet.

Fir-rigward tal-mobbli, il-Qorti tassenja lill-attriċi dawk il-mobbli elenkati minnha fid-dokument tagħha man-nota ġuramentata taħt il-parti mmarkata *'affarijiet mixtrija waqt iz-zwieġ'* liema mobbli skont l-attriċi għandhom il-valur ta' €5,562. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-mobbli l-oħra li jammontaw għal valur ta' €19,513, liema somma mhux qiegħda tiġi kkontestata mill-konvenut, il-Qorti qiegħda tassenja dawn il-mobbli lill-konvenut u dan tenut kont li dawn diġa' jinsabu fil-pusess tiegħu, filwaqt li tordnalu jirrifondi lura lill-attriċi s-somma ta' €9,756.50 rapprezentanti sehemha mill-istess mobbli.

Fir-rigward tal-flus tal-partijiet, il-Qorti tordna li l-konvenut għandu jirrifondi s-somma ta' €18,244.16 bħala sehem l-attriċi minn dik is-somma li kienet ġiet allegatament misruqa.

### 5. Il-Beni Parafernali:

It-talba għall-assenjazzjoni tal-beni parafernali ġiet dedotta mill-konvenut, fejn il-Qorti tinnota li minkejja tali talba, il-konvenut ma ddikjarax liema huma dawk il-beni li huma parafernali u li qiegħed jistenna li jiġu llikwidati u riturnati lura fil-pussess tiegħu.

Madanakollu, l-Qorti tosserva mill-atti proċesswali illi l-konvenut kien akkwista fond u ċjoe' *X, Triq X, Zabbar,* liema fatt mhux qiegħed jiġi kkontestat mill-attriċi. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan, il-Qorti tiddikjara illi fir-rigward ta' proprjeta' parafernali, l-konvenut huwa l-uniku s-sid tal-fond *X, Triq X, Zabbar* u b'hekk din għandha tibqa' fil-pussess assoluta tiegħu.

## 6. Id-Dar Matrimonjali:

Illi mid-data tas-sentenza, id-dar matrimonjali u ċjoe' *85A, Y, Triq il-Y, Marsascala* m'għandhiex iktar titqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet. Il-konvenut qiegħed jitlob li tiġi assenjata lilu d-dar matrimonjali sabiex jgħammar fiha ad eskluzjoni tal-attriċi. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti nhar it-8 ta' Jannar 2014 ordnat sabiex *pendente lite* l-konvenut jizbombra ruħu *pendente lite* mid-dar matrimonjali u b'hekk l-attriċi kellha l-fakolta' li tkompli tgħammar hemmhekk flimkien ma' uliedha maġġorenni. Barra minn hekk il-Qorti tinnota ukoll li l-konvenut ilu li abbanduna d-dar matrimonjali sa mit-30 ta' Mejju 2006, fejn mar jirrisjedi fid-dar parafernali tiegħu *X, Triq X, Zabbar.*

Tenut kont tal-premess, il-Qorti ma tarax raġuni valida għaliex għandha tassenja l-proprjeta' kollha inkluz id-dar matrimonjali lil konvenut u dan sabiex jokkupahom hu. *Se mai* l-Qorti kienet tistenna li tali talba għall-assenjazzjoni u l-okkupazzjoni tad-dar matrimonjali kienet issir mill-attriċi u mhux mill-konvenut li għandu immobbli parafernali. Għaldaqstant, tali talba m'għandhiex tiġi akkolta.

## 7. Dwar Kunjom l-Attriċi:

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha 'Camilleri'. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE:

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi C u dana bi ħtijiet ta’ inġurji gravi, minaċċi u moħqrija imputabbli unikament lill-konvenut.

2. Tilqa’ it-tieni u t-tielet talba attriċi u rikonvenzjonali, u xxolji, tillikwida, tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti lil partijiet skont il-provvedimenti tar-raba’ parti ta’ din is-sentenza u ċjoe’ *‘It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti’.*

3. Tilqa’ r-raba’ talba attriċi, filwaqt li tiċħad ir-raba’ u s-sitt talba rikonvenzjonali, u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha tal-Artikoli 48 tal-Kodiċi Ċivili, inkluz id-dekadenza mid-dritt li l-konvenut jitlob il-manteniment minn għand l-attriċi.

4. Tiċħad il-ħames talba attriċi u rikonvenzjonali.

5. Tilqa’ s-seba’ talba rikonvenzjonali u tassenja l-proprjeta’ parafernali lill-konvenut.

6. Tiċħad it-tmien talba rikonvenzjonali.

7. Tilqa’ is-sitt talba attriċi u tawtorizza lill-attriċi tiriverti għal kunjom xbubitha u ċioe’ “M”, ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

8. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba’ talba attriċi.

9. Tilqa’ d-disa’ talba rikonvenzjonali u tordna r-reġistrazzjoni ta’ din is-sentenza mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat

Bl-ispejjez kollha għandhom ikunu sapportati mill-konvenut.